

Riċerka

# Il-Parroċċa ta' Bir Miftuħ qabel l-1592

*Joseph C. Camilleri*

Fil-lista li ħażżeż l-Isqof Senatore de Mello (1436), insibu matriċi ddedikata lill-Assunta (Santa Marija) li kienet mibnija fil-kampanja, viċin ir-raħal tal-Gudja. Din kienet il-knisja parrokkjali għall-irħula tal-Gudja, Ħal Luqa, Ħal Farruġ, Ħal Tarxien, l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi. Firxa ta' art kbira li ċertament jagħmel ix-xogħol tal-kappillan diffiċli ħafna.

Wieħed jista' jistaqsi xi mistoqsijiet dwar din il-lista ta' rħula marbutin mal-matriċi ta' Bir Miftuħ. Fost dawn hemm għaliex Ħal Safi kienet marbuta ma' Bir Miftuħ waqt li ż-Żurrieq kienet tefa' ta' ġebla 'l bogħod minnha? Mistoqsija oħra hija dwar Ħal Għaxaq. Għaliex din il-komunità kienet parti mill-matriċi ta' Bisqallin u mhux ma' Bir Miftuħ? Bir Miftuħ kien eqreb mill-qalba tal-parroċċa Żejtunija. Ir-risposta nsibuha fil-ktieb ta' Dun Ġużepp Micallef dwar Ħal Safi. Skont Dun Micallef l-irħula kienu magħqudin tali mod li l-kappillani kollha ta' dawk iż-żminijiet ikollhom l-istess ammont ta' dħul finanzjarju. Jekk tħares lejn il-lista tad-Dejma (1419-1420) li kien sab Profs. Godfrey Wettinger, insibu li jekk nieħdu żewġ parroċċi viċin ta' Bir Miftuħ, l-ammont tal-familji f'dawn it-tliet parroċċi kienu qrib xulxin.

## In-numru ta' nies

*Numru stmat ta' familji (1419-1420)*

| Parroċċa | Numru ta' familji |
|---|---|
| Bisqallin (Żejtun) | 104 |
| Żurrieq | 106 |
| Bir Miftuħ | 116 |

Skont il-lista tal-Isqof Senatore de Mello, li saret fl-1436, insibu li l-ewwel kappillan ta' Bir Miftuħ kien il-Kanonku Blasju. Il-kunjom ta' dan il-kappillan ma nafux iżda nafu li d-dħul tiegħu kien ta' 15-il uqija. Ftit qabel Ħal Tarxien kiseb statut ta' parroċċa, il-popolazzjoni ta' Bir Miftuħ kienet 1973 ruħ. Ftit wara t-twaqqif tal-parroċċa Tarxiniża, n-numru ta' nies f'Bir Miftuħ kien 1439. Wieħed irid jiftakar li Ħal Kirkop li sar parroċċa fl-1592 inqata' wkoll minn Bir Miftuħ.

## Bir Miftuħ issir matriċi

Billi l-firxa art tal-parroċċa kienet mifruxa sewwa, inħolqot il-problema ta' distanza bejn l-irħula u l-knisja parrokkjali. F'temp ta' 50 sena l-parroċċa ta' Bir Miftuħ saret matriċi ta' tliet parroċċi. Kien Ħal Tarxien u Ħal Kirkop (Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba) li saru parroċċa fl-1592. Ħal Farruġ beda jnaqqas in-nies sakemm sar raħal bla nies iżda Ħal Luqa sar parroċċa fl-1634.

## Il-Knisja parrokkjali

Il-knisja kienet iddedikata lil Assunta (Santa Marija tal-15 t'Awwissu). Kellha forma rettangolari. Fuq il-faċċata kien hemm kampnar bi tliet arkati. Il-parapett sar wara. Fil-korsija kien hemm ħames arkati li jżommu x-xorok tas-saqaf. Hemm tieqa waħda tonda fuq il-bieb ewlieni. Xi pittura baqgħet tidher. Insibu waħda li turi grupp ta' 18-il qaddis u oħra li turi l-Aħħar Ġudizzju. Insibu wkoll figura liebsa stil orjentali li għandha bukkett fjuri. Aktarx din hija parti minn pittura li turi

*Ikompli f'paġna 84*

*Ikompli minn paġna 81*

l-Madonna tal-Ġilju. Skont l-istudjuż Dr Mario Buhagiar, din il-knisja kienet tipika tal-knejjes li kienu jinsabu f'Malta fl-aħħar żminijiet taż-Żmien tan-Nofs.

Skont ir-rapport ta' Monsinjur Pietru Dusina, din il-knisja kellha tliet artali, kollha ddedikati lil Santa Marija. Kien hemm tnejn oħra li kienu ddedikati lil San Kosimu u Damjan u lill-Ispirtu s-Santu. Monsinjur Dusina ordna li dawn l-aħħar altari jitneħħew. Il-font tal-Magħmudija kien tal-ġebel u l-artal ma kellux tabernaklu xieraq. Il-knisja kellha ċimiterju u xi kappelli fil-qrib, iddedikati lil Assunta, San Ġorġ, San Sebastjan, Santa Katerina u t-Twieled tal-Madonna (il-Bambina). Monsinjur Dusina waqqaf il-fratellanza tas-Sagrament. Għall-ewwel investitura kien hemm 18-il raġel. Kien l-isqof Tommaso Gargallo li kkonsagra din il-knisja f'26 ta' Marzu, 1591.

## Kappillani

Kif għidna diġà l-ewwel kappillan li nafu bih kien il-Kanonku Blasju. Bejn is-snin 1502 u 1522 kien hemm Dun Consalvo Canchur. Dan kien kanonku tal-katidral kif ukoll nutar. Kien qatta' żmien ukoll bħala Vigarju Ġenerali meta l-Isqof ma kienx jinsab f'Malta. Bejn is-sena 1522 u 1539 kien laħaq kappillan Dun Ġakbu Bondin. Warajh laħaq il-Kanonku Pancrazio Micallef li dam kappillan sas-sena 1574. Meta Dun Micallef laħaq djaknu tal-Katidral kien jaħtar viċi-kappillani biex imexxi l-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Meta ġie f'Malta Monsinjur Pietru Dusina bħala Delegat Appostoliku fl-1575 sab li l-kappillan ta' Bir Miftuħ kien Dun Bartolomew Mangion. Dan żamm it-tmun tal-parroċċa bejn is-snin 1574 u sat-23 ta' Mejju 1592 (meta Ħal Tarxien sar parroċċa).

## Referenzi

Grima J.F., 'The Earliest Maltese Parishes (5): Santa Marija of Bir Miftuħ', *The Democrat*, May 17, 1986.
Micallef J., *L-Istorja ta' Ħal Safi*, Malta, 1980.
Buhagiar M., 'Medieval Churches in Malta', f'*Medieval Malta*, A.T.Luttrel (editur), London, 1975.
Wettinger G., 'The Militia List of 1419-20', *Melita Historica*, Vol 5, No 2, pp 80-106.

